# Il-Mixja Taghna Lejn Alla

## Kull bidu Minn Kristu

*«Jiena ngedded il-hwejjeg kollha.» (Ap 21,5)*

Kull bidu hu minn Kristu



Ir-Randan jistedinna biex nikkonvertu, u nduru lejn Alla, izda biex naghmlu hekk jehtieg li l-konversjoni taghna tibda minn Kristu u tkompli bi Kristu u fi Kristu. Huwa hu l-bieb! Huwa hu t-triq! Dan ifisser li l-hajja nisranija hija mixja ta' konversjoni, ritorn lejn Alla li minnu, jekk mhux hafna drabi, izda spiss nitbedghu, ifisser ukoll li irridu nimbidlu mill-gheruq ta' l-egozimu taghna u nqieghdu lil Kristu centru tal-hajja taghna. Gesu' Kristu huwa l-qofol ta' hajjitna.

Minghajru kollox jisfa fix-xejn. Huwa l-ilma haj, u ahna haffirna bjar maqsuma li ma jzommux ilma. Huwa t-triq u ahna forsi bosta drabi fittixnih qalb il-gozz idoli taghna. Grejna wara hajja li ma kienitx xejn hlief eku debboli. Hemm bzonn li nbiddlu r-rotta li qbadna! Issa huwa z-zmien. Ir-Randan huwa zmien

favorevoli li nghixu il-hajja tal-Maghmudija taghna, b'ghajnejna fiss fuq dak Kirstu li jitlobna biex nimxu warajh b'imhabba. Il-konversjoni hija li ahna niggranfaw mas-Sinjur u warajh nimxu l-istess triq, fi vjagg kontinwu mill-gidba ghall-verita', mill-jasar ghall-helsien, mill-mewt ghall hajja. Ir-Randan joffrilna rikkezza straordinarja ta' grazzji, iqanqalna biex ngharfu u nghixu fedelment l-misterju ta' l-Ghid. Kristu li miet, qam. Huwa l-Haj li qed jghix fostna l-bnedmin.

## Isma' il-Kelma.



Li Kristu sar bniedem hu sinjal car ta' l-imhabba kbira ta' Alla lejna l-bnedmin. Kristu hu kapaci li jgedded id-dinja. Kristu gie fostna l-bnedmin biex issemmalna l-Kelma tieghu. Meta ahna nilqghu l-kelma ta' Kristu nkunu qed nilqghu u nisimghu lil Kristu Gesu' u propju hu dan, il-bidu ta' bidla fir-ruh u l-hajja taghna.

Ma hux possibbli li wiehed jifred il-Kelma t'Alla miz-zmien tar-Randan. Is-smiegh tal-kelma, is-sawm u t-talb huwa il-qalba taz-zmien tar-Randan., l-iskop fondamentali , l-entuzjazmu u l-forza tal-bidla.

## Hajja gdida.

Matul dan ir-Randan l-Kelma ta'Alla trid iggib bidla kbira fina: irridu nibdew naraw dak li hu positiv fil-proxxmu taghna u l-komunita' li taghha ahna membri, nwarrbu kull tgergir u nsibu kuragg li nirrifjutaw kull ghamla ta' hazen biex nifthu qalbna berah ghal Kristu li jimliha bl-ispirtu qaddis tieghu. Nimxu flimkien mas-Sinjur Gesu'. Qatt inkunu skjavi tad-dnub jew zball izda dejjem ghas-servizz ta' dak li jizbalja; qatt komplici tad-dnub imma dejjem lesti li nuru il-wicc hanin ta' Kristu.




Dejjem inkunu solidali mal-proxxmu taghna. Naghgnu fina il-logika ta' Kristu li kien samaritan mal-barrani u libes il-fardal biex iservi. F'din il-mixja tar-randan inhallu il-konversjoni tmexxina lejn Kristu.

L-idejal ta' Kristu naghmluh taghna. Il-Kelma ta'Alla tkun il-mutur li jmexxina Lejh. Fis-salott jew fil-kamra tal-pranzu jew anke fil-kamra tas-sodda insibu t-televisjoni. U l-Vangelu jinsab f'xi post prominenti bhal dak tat-televizjoni? Forsi insibuh fuq xi xkaffa ma' kotba ohra mimlija trab minhabba li ftit li xejn nuzawhom jew ma xi kotba ohra li ahna qatt ma ftahnihom. Jirnexxilna f'dan ir-Randan nohorgu l-Vangelu minn dan il-post solitarju? Difficli li taghti xi regoli f'dawn iz-zmienijiet meta il-hajja hi daqshekk inxerrda f'tant forom u f'tant hinijiet. Izda l-principju wiehed hu: li kull bniedem li jrid jara d-dawl jehtieg li jsib hin addatat ghal-Kelma ta' Alla li tghinna nirbhu kull tfixkil, tghaqqad iktar il-komunjoni taghna mal-komunita' u iggaghlna nduqu t-toghma tajba tal-mahfra.

## Ghaqda ma' Kristu

Mal-granet tar-Randan li jghaddu bil-mod il-mod, inhossuna aktar maghquda fi hsiebijietna, ix-xewqat taghna u ghemilna ma' Kristu. Alla hu imhabba. Jhobbna u jixtieqna li ahna nhobbuh. Kull imhabba titlob hafna imma l-imhabba divina titlob wisq aktar ghax trid ghaliha hsibijietna u qalbna.

Il-hsiebijiet taghna, ghalhekk ghandom ikunu kemm jista' jkun merfugha lejn Alla u qalbna okkupata b'dak li hu ta' Alla.

Ghandu jimbena rapport bejni u bejn Alla il-Missier, l-Iben Unigenitu tieghu, Gesu Kristu u l-Ispirtu Santu li jqaddes lir-ruhna bl-imhabba tieghu. Dan biss jista' jsir jekk ahna ngibu quddiemna il-presenza t'Alla, li Alla, kontinwament, jismaghni, Alla jarani u Alla ghad jiggudikani. Wiehed ma jitkellimx ma' xi hadd li ma jezistix jew li jinsab 'l boghod. Dak li jghodd ghar-rapporti umani jghodd ukoll ghar-rapporti ma' Alla. Meta nemmnu bis-shih fil-presenza tieghu allura nidraw nduru lejh f'hafna drabi matul il-jum u nharsu r-rieda tieghu mal-gurnata.

Ghan-nisrani tezisti l-problema ta' l-attenzjoni lejn Alla li hu haj u jghix maghna, ghaliex id-dinja toffri hafna distrazzjonijiet.

Ir-Randan hija mixja li tulha ahna mitluba niehdu posizzjoni. Ma nistghux naqdu zewg sidien...jew lil Kristu jew lix-xitan....jew it-tajjeb jew il-hazen...jew lil Alla jew il-flus. Ma nistghux nkunu nofsna nsara u nofsna atei, nofsna tajba u nofsna hziena, daqqa inklinati ghat-tajjeb, ohra mexxija mill-passjonijiet. F'dan ir-Randan qed nigu mitluba niehdu naha wahda biss. Nitolbu lil Alla li jaghtina l-grazzja li naghzlu Lilu, li Minnu gej kull gid u barka. Daqqa ta' sieq lix-xitan u l-opri hziena tieghu ghax ahna ta' Alla, minnu rajna kull gid u barka. B'Alla l-fini taghna, l-ewwel u qabel kollox, ma jkun jonqosna xejn . Kristu tana l-weghda tieghu: " Fittxu l-ewwel is-saltna t'Alla u kollox jinghatalkom b'zieda."

Nsegwu l-passi ta' Gesu' li jehduna lejn is-salib tieghu, imma wara nirxuxtaw mieghu.

## Impenn konkret

Nibda r-Randan b'impenn shih u nqieghed fil-prattika dan li gej:

Nqieghed f'hajti f'post centrali u fondamentali lil Alla 'l fuq minn kull hsieb kull kelma u kull azzjoni li tista ttellifni l-attenzjoni fuqu.

Ghal dan il-ghan ikun importanti hafna li nerfa' xi hin ghat-talb. It-talb tieghi jehtieg li jsir bil-kalma, boghod minn kull hsieb mundan. Fin-nuqqas ta' dan Alla qatt ma jista jkun ic-centru u l-attenzjoni ta' hajti. L-offerta taghna lil Alla ma tista qatt tkun l-ahjar wahda izda biss minn dak li jkun fadlilna.

Biex l-azzjonijiet taghna jkollhom aktar valur hija necessarja li naghmlu xi mortifikazzjoni jew penitenza.

## Fir-Randan

NISTA' NGHAKKES LILI NNIFSI ..................................
+ FIL-HSIEB +

"Hobb lil Mulej Alla tieghek bil-hsieb tieghek kollu" (Mt 22,37)

***Ikkoltiva***

Il-hsieb ta' Alla u Tjubitu

Ikun il-Mulej fuq il-quccata ta' hsibijietek u il-progetti tieghek.

***Evita***

Hsibijiet ta' frugha u kattivi fuq hutek il-bnedmin.

+ Fil-HARS +

"Jekk ghajnejk hija safja, gismek kollu jiddi." ( Mt 6,22)

***Hares***

Lejn id-dinja, il-hwejjeg ta' madwarna u l-hutek b'ghajn safja

***Evita***

Hars mhux indukrat u qatt tara wirjiet mhux edifikanti

+ FIS-SMIEGH +

"Israel, li kieku inti tisma minni!" (Sl. 81,9)

***Isma***

Il-kelma tal-Mulej u lil huk li jitolbok xi haga jew li jixteqek tisimghu......

*Tismaghax*

Diskors ta' frugha, oxxen jew insinwazzjonijiet haziena

\+ FIL-_KLIEM +

"Effatà, infetah..."(Mc. 7,34)

*Iftah halqek*

Ghat-tifhir lil Alla u talb personali, fil-familja jew fil-kommunita'.

*Evita*

Li titkellem zejjed

\+ FIT-TOGHMA +

"Kemm hu helu kliemek O Mulej !"(Sl. 118)

*Iggosta*

Il-Kelma t'Alla u kul bil-qies u rodd hajr lil Mulej ghall-providenza tieghu, kif ukoll lil dak li ippreparahulek

*Iccahhad*

Mill-ikel u xorb, tipjip, divertiment......

Sum xi ftit mit-televizjoni.

\+ BL-IDEJN +

"Ma nhobbux bil-kliem, izda bil-fattu u l-verita'" (1Gv. 3,18)

*Ghen*

Lil min jitolbok tghinu, aqdi dmirijietek b'reqqa kbira

U ghin lil fqir b'kull mod li tista'.

***Evita***

l-ghazz, il-hela ta' hin u tpacpic zejjed.

+ FIL-QALB +

"Hobb is-Sinjur Alla tieghek, b'qalbek kollha u l-proxxmu tieghek bhalek iniffsek." (Mt 22,37)
Uri

l-imhabba tieghek li ta' madwarek billi l-ewwel tibda minn dawk ta' darek.

Wiegeb bhal Marija: " Hawn il-l-qaddejja tal-Mulej."

"Imbaghad ifigg bhaz-zerniq id-dawl tieghek u malajr taghlaqlek il-gerha tieghek."

(Isaia 58,8)